MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1866/2004

**Alfred u Alice konjugi Brown**

**Vs**

**Androxa Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru 2004 fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-ghamara stante li ma kinietx tal-kwalita pattwita fis-sens li gie utilizzat materjal differenti minn dak miftiehem oltre ghall-fatt li l-prezz mitlub kien ezagerat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjet konvenuta datata 14 ta Ottubru 2005 fejn gie eccepit in linea preliminari ir res

judicata in vista tas-sentenza moghtija minn dan l-istess Tribunal diversament presjedut datata 20 ta Novembru 2003 fil-kawza numru 680/03JAB u fit-tieni lok ikkontestat it-talba fil-meritu. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokument esebit ossia allegat cioe l-process u s-sentenza fil-kawza numru 680/03 JAB.

Ra l-verbal tal-konsulenti legali tal-partijiet fejn iddikjaraw li din il-kawza tista tithalla ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta konvenuta;

Sema` t-trattazzjoni orali tal-istess konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi minn ezami taz-zewg processi rilevanti fil-kaz odjern ma hemm dubbju li bazikament il-partijiet huma l-istess kif ukoll il-meritu u s-sustanza intrinsika taz-zewg processi. Illi ma hemmx dubbju anqas li l-kawza citata mis-socjeta konvenuta fil-fatt u fid-dritt ghaddiet in gudikata u li l-meritu tal-kaz odjern seta facilment seta gie sollevat mill-atturi fil-kawza l-ohra allegata ma dan il-process.

Illi fid-dawl ta dan l-ezami ghalhekk ghandu jirrizulta li t-tliet elementi essenzjali sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-res judicata fil-fatt jirrikorru fil-kwistjoni odjerna u cioe l-eadem persona – eadem re u – eadem causa petendi. Illi din it-tip ta eccezzjoni fil-fatt giet trattat f'diversi sentenza fil-gurisprudenza taghna. Vide Appell Civili Superjuri Igini Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et deciza 2 ta Lulju 1996 u Joseph Camilleri vs Lilian Mallia deciza 5 ta Ottubru 1998. Inoltre jinghad ukoll li l-element tal-eadem causa petendi fl-eccezzjoni tar-res judicata ma jifformaw ruhu biss b'dak li gie espressament diskuss imam anke b'dak kollu li seta gie diskuss. Vide Appell Civili Superjuri fl-ismijiet Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri deciza fl-10 ta Ottubru 2003.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li l-eccezzjoni tar-res judicata tinsab soddisfacentement u

ampjament ipprovata minn semplici ezami taz-zewg processi kif osservat hawn fuq.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta dwar ir-res judicata u kwindi jirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tagghom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------